MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Numru. 167/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Edmond Cuschieri**

**vs**

**Anna Ellul**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Anna Ellul ta' 51 sena, bint Carmel u Carmela nee' Camilleri, imwieled fl-10 ta' Ottubru 1956 u residenti 'Charisma', Vjal l-Indipendenza, Mosta u detentrici tal-karta tal-identita' numru 695856(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-2 ta' Mejju, 2008 ghall-habta ta' 8.10a.m. fi Triq Valletta, Mosta, saqet vettura numru. SIX-543 (1) b'

manjiera traskurata (2) u perikoluza (3) kif ukoll waqt li kienet qed isuq l-imsemmija vettura fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b’ sinjal ta’ dawl tat-traffiku ta’ vetturi, naqset li tieqaf meta d-dawl kien jixghel ahmar jew amber (4) u aktar b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alex Azzopardi skond kif iccertifika Dr. Jean Paul Zahra M.D. ta’ M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Gunju 2009 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2009 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mid-difensur tal-parte civile u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh ghall-habta tat-tmienja u ghaxra (08.10) ta’ filghodu tat-tnejn (2) ta’ Mejju 2008 fi Triq Valletta, il-Mosta fejn il-parti civili ittajjar mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIX-543 misjuqa mill-imputata fejn il-parti civili sofra griehi ta’ natura gravi.

Il-parti civili Alex Azzopardi li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta’ Jannar 2010 qal li dakinhar tal-incident huwa kien miexi fi Triq Valletta man-naha tat-

Techno Park u ried jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq. Ghalhekk huwa ghafas il-buttuna tal-pelican lights sabiex ikun jista’ jaqsam u qasam l-ewwel u t-tieni karregata tat-triq fejn kellu jerga’ juza l-pelican lights ghan-naha l-ohra. Kif qeleb ahdar sabiex il-pedestrian ikun jista’ jaqsam u l-vetturi kienu weqfin minhabba li xeghel ahmar ghalihom, huwa beda’ jaqsam meta f’mument minnhom ma jafx x’gara u meta gie f’sensieh kien qieghed stendut mal-art bin-nies imdawrin mieghu jghidulu sabiex ma jiccaqlaqx ghaliex gie mtajjar minn karozza. Huwa ittiehed lejn l-isptar minhabba ksur u xi griehi ohra fejn inzamm ghal diversi granet taht osservazzjoni. Minbarra dan kellhom jaghmlulhu punti fuq il-kappell t’ghajnejh fuq in-naha tax-xellug u ghamlulu wkol tip ta’ gibs minhabba li kellhu ksur f’irkuptejh tax-xellug li dam biha madwar ghaxar gimghat. Alex Azzopardi spjega li kien ukoll jattendi l-isptar ghal aktar kura u cioe’ riabilitazzjoni minhabba l-ksur li sofra sabiex isahhah il-muskoli ta’ saqajh. Huwa kien taht il-kura tal-konsulent mediku Mr. Sciberras fejn l-istess konsulent irrilaxxja certifikat mediku li jindika li Azzopardi kien qieghed isofri minn disabilita’ permanenti ta’ hamsa fil-mija (5%). Dan ic-certifikat gie esebit bhala Dok AA1 (a fol 35). Alex Azzopardi kompla jghid li ghamel mit-2 ta’ Mejju 2008 sal-25 t’Awwissu 2008 ma jmurx xoghol minhabba l-griehi li sofra fl-incident awtomobilistiku de quo.

F’dawn il-proceduri xehed ukoll PS 1061 Justin Zammit (a fol 38) fejn qal li fit-2 ta’ Mejju 2008 huwa kien ircieva telefonata minhabba li kien hemm persuna li giet imtajra minn karozza. Meta mar fuq il-post sab li din il-persuna kienet Alex Azzopardi u huwa ra xi demm ma’ wiccu fejn imbaghad dan tal-ahhar ittiehed l-isptar u gie certifikat li kien qieghed isofri minn griehi gravi. Ix-xhud spjega li huwa gie nfurmat li waqt li l-vittma kien qieghed jaqsam it-triq u kien qieghed jaghmel uzu mill-pelican lights gie mtajjar minn karozza misjuqa minn Anna Ellul li kienet qeghda ssuq vettura bin-numru SIX 543. Hija kienet qaltlu li giet ix-xemx fuq ghajnejha u ma ratx li l-lights kien qalbu homor u meta rathom kien tard wisq. Hija kompliet tghidlu li fil-fatt kienet rat li kien hemm karozzi ohra li kienu wieqfa dak il-hin. Xehed ukoll Carmel Sciberras (a fol 41) li huwa

konsulent mediku li kien ezamina lill-Alex Azzopardi minhabba l-griehi li sofra. Huwa ikkonferma bil-gurament certifikat mediku li jinsab a fol 15 tal-process. Huwa zied jghid li l-griehi principali li kellu Azzopardi kienet f’irkopptejh ix-xellugija minhabba ksur. Ix-xhud iklassifika dawn il-griehi bhala gravi. Huwa qal li jista’ jkun hemm konsegwenza minhabba dan il-ksur li jidhol fil-gog u ghalhekk hemm dak il-persentagg ta’ dizabilita’ li kien qieghed isofri (5%). Xhud iehor importanti f’dawn il-proceduri hija Rita Micallef (a fol 51) fejn din qalet li fit-2 ta’ Mejju 2008 kienet sejra lejn ix-xoghol ghall-habta tat-tmienja ta’ fil-ghodu. Hija rat il-lights daru homor u waqfet bil-karozza taghha. Hija rat karozza ohra ghaddejja minn hdejha li tajret il-persuna li kien qieghed jaqsam. Hija kompliet tghid li din il-karozza kienet sejra l-istess direzzjoni li kienet sejra hi. Xehed ukoll Reuben Spiteri (a fol 59) fejn qal li kien qieghed isuq il-Mosta fejn it-technopark lejn Hal Lija. Huwa qal li kien hemm diversi karozzi u minn taht il-ghajn ra persuna taqsam minn quddiem il-karozza l-ohra u spiccat mal-art. Huwa qal li meta niezel jara x’gara l-lights kienu homor u jiftakar il-buzzer taghhom jghajjat. Huwa haseb li l-persuna qasmet minn fuq il-lights minn fuq l-ispazju tal-lights (a fol 61). In kontro-ezami (a fol 73) hu qal li dakinnhar tal-incident kien qieghed isuq karozza u kkonferma li dakinnhar il-karozza ta’ quddiemu laqtet il-persuna li kien qed jaqsam. Huwa qal li t-traffiku kien miexi normali u ma kienx esagerat bhal ma’ jkun ta’ fil-ghodu imma karozzi mexjin wara xulxin. Huwa qal li kien ra lil vittma jaqsam min-naha ghall-ohra minn bejn is-sigar u imbaghad baqghet taqsam minn quddiem il-karozza l-ohra x’hin laqtitha. Huwa kompla jghid li inhasad x’hin rah beda’ jaqsam ghax haseb li ser jieqaf f’nofs it-triq ghax hemm post fejn jieqfu n-nies. Huwa kompla jghid (a fol 78) li x-xemx dak il-hin u cioe’ fid-disa’ (9.00 am) tkun ezatt faccata tieghek. Minn daqqiet tkun mghotija bis-sigar u kultant le u allura l-hin kollu tigi u titlaq. Huwa zied jghid li minn dakinhar tal-incident inbidlu l-bozoz u ghamluhom LED’s (a fol 78) sabiex tkun tista’ tarahom aktar mill-boghod. Huwa zied jghid li meta l-vittma kien diga mtajjar il-lights kienu hodor izda qabel ma gara l-accident ma jafx jekk kienux homor jew hodor. In ri-ezami huwa qal li fil-fatt kien ra lil vittma

jaqsam minn fuq il-traffic lights. Huwa qal li t-tarmac kien qiesu sapuna ghax jghaddu hafna karozzi u ma tantx ikun iqabbad. Huwa zied jghid (a fol 81) li kien aktar kawt minhabba l-kundizzjoni tat-triq u ghalhekk naqqas il-velocita' tal-karozza. Huwa zied jghid li beda jsuq b'40 kilometru fis-siegha minhabba kif inhi maghmula t-triq.

L-imputata Anna Ellul ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri (a fol 87) fejn qalet li ilha ssuq ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena u qatt ma kienet involuta f'xi accident. Hija qalet li l-vettura taghha hija automatic u bhala maintenance dejjem ir-ragel taghha jiehu hsieb. Hija qalet (a fol 88) li dakinhar tal-incident kien hemm it-tifel taghha Kevin Ellul maghha ghaliex kienet sejra twaslu x-xoghol u spjegat li mhux normali ghaliha li tghaddi minn dik it-triq u li twassal lit-tifel taghha ghax-xoghol. Hija kompliet tghid li meta tkun qieghda ssuq il-karozza tilbes nuccali tax-xemx ghalkemm hija tuza nuccali tal-vista li tuzah ghal boghod. Hija qalet li meta qabdet dik it-triq nizlet ukoll is-sunvisors tal-karozza minhabba li x-xemx kienet ezatt faccata taghha. Hija ziedet tghid li t-traffic lights ma rathomx mill-ewwel peress li ma kienux jidhru minhabba s-sigar u meta waslet vicin taghhom ndunat bihom u rat li l-lights kienu homor. Hija pruvat twaqqaf il-karozza u qasam Alex Azzopardi li qalet li kien aljenat ghaliex kieku kien jinduna li qeghda twaqqaf il-karozza (a fol 90) u laqtithu. Hija tiftakar li missier Alex Azzopardi li qalilhom li t-tifel taghhom kien aljenat (a fol 91) dak il-hin. In kontro-ezami (a fol 92) l-imputata qalet li hija toqghod gewwa Independence Avenue,l-Mosta u li din it-triq taghti ghal Valletta Road u cioe' it-triq fejn sehh dan l-accident. Hija qalet li f'din it-triq tara sew x'hemm quddiemek minhabba li hija dritta u spjegat li meta daret mar-roundabout tas-Subaru ma ratx kienx hemm ghaliex kienet qed tikkoncentra quddiem u mhux fil-genb taghha. Hija ziedet tghid li fit-triq it-traffic lights ma kienux jidhru u ma kinitx taf li kien hemm traffic lights. Fil-fatt hija qalet li ma jidhrux ghax mohbijin bis-sigar ghalkemm hemm ukoll 'bushes' fuq ic-central strip. Hija rat diversi poles matul it-triq izda (a fol 94) qalet li dan ma jfissirx li kienu tat-traffic lights. Hija regghet qalet li t-triq qieghda dritta izda l-lights mohbija bis-sigar u kien hemm ix-xemx faccata taghha.

Hija sostniet li kienet ghaddejja b'velocita' ta' tletin mil fis-siegha u qalet ukoll li meta waslet vicin tal-lights indunat bihom ghaliex ma kienx hemm is-sigra li qeghda taghttihom. L-imputata qalet li meta waslet vicin il-lights dawn kienu homor dak il-hin u ghalhekk hija ghafset il-breaks izda sostniet li qabel ma ghafset il-breaks u cioe' qabel laqtitu ma kinitx ratu lil Alex Azzopardi. Wara ftit izda qalet li ratu quddiemha meta kienet qeghda tipprova twaqqaf il-karozza izda Alex Azzopardi kien aljenat u ma tiftakarx jekk baqghetx ghaddejjha minn fuq iz-zebra crossing.

Ir-ragel ta' Anna Ellul xehed (a fol 102) fejn qal li dakinhar tal-incident gie infurmat x'gara. Huwa kien ra jekk il-karozza kellhiex xi haga u ra li kien kollox sew. Xi granet wara kien ha ritratt tal-post fejn kien sehh l-accident. Huwa kompla jghid li kien gie jkelmu missier Alex Azzopardi fejn qallu li meta t-tifel tieghu kien qieghed jaqsam kien aljenat jew seta' kien bil-mobile meta kien qieghed jaqsam (a fol 103). It-tifel tal-imputata Kevin Ellul xehed (a fol 108) fejn qal li dakinhar tal-incident kien xoghol u kienet ser twasslu ommu bil-karozza taghha. Huwa qal li huma daru mar-roundabout li hemm u t-traffiku kien tar-rush hour u kien miexi bil-mod. Huwa zied jghid li kien hemm ix-xemx ezatt faccata tieghu u l-art kienet tleqq waqt li l-lights kienu mghottija bis-sigar. Huwa qal ukoll li ommu ndunat bil-lights li qelbu meta kienet vicin taghhom. Kevin Ellul qal li ma jafx b'liema velocita' kienet qed issuq ommu ghaliex huwa kien biss passiggier. Huwa qal li kien ra lil Alex Azzopardi aljenat ghaliex dan l-anqas biss induna bihom u li huma kienu waqfu mal-lights. Dan ix-xhud zied jghid li llum il-gurnata li il-lights qeghdin bl-LED's u bidlulhom posthom. In kontro-ezami huwa qal li ma tantx hemm tul meta ddur minn mar-roundabout ghal fejn hemm il-lights. Huwa qal li kien jaf bihom dawn il-lights (a fol 113) bhal kull min jghaddi minn hemm. Huwa qal li ommu kellha nuccali tax-xemx u anki nizlet is-sunvisor minhabba x-xemx u spjega li meta ommu daret mar-roundabout dejjem zammet l-istess velocita. Huwa kkonferma li l-lights kienu homor fil-hin tal-incident u qal li l-imputata sakemm waqqfet tajret lill-Alex Azzopardi u ghalhekk ma kienx hu li baqa' diehel fuq il-karozza taghhom (a fol 115). Huwa qal li ommu ndunat lli

l-lights li kienu homor meta kienet vicin taghhom u kkonferma li t-triq fejn sehh l-accident hija wahda dritta. Huwa ammetta wkoll li ma kienx ra lil pedestrian qabel l-impatt u ghalhekk lanqas seta’ jikkumenta x’kien qieghed jaghmel dak il-hin. Huwa qal ukoll li Azzopardi qasam meta l-lights kienu fuq l-ahdar sabiex il-pedestrians ikunu jistghu jaqsmu u kkonferma li Alex Azzopardi ntlaqat waqt li kien qed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar kif gara l-incident. Jirrizulta car li Alex Azzopardi kien qieghed jaqsam meta d-dawl tal-pelican lights kien fuq l-ahdar ghall-pedestrians u fuq l-ahmar ghall-vetturi ghaddejjin fit-triq u li ghalhekk dawn il-vetturi kellhom jieqfu. Illi mill-provi ma rrizulta minn imkien li Alex Azzopardi ghamel xi manuvra azzardata sabiex qasam jew li b’xi mod seta’ holoq l-accident huwa stess. Xhud indipendenti, Rita Micallef, li kienet qeghda ssuq fil-lokalita’ fejn sehh l-accident u li kienet wieqfa minhabba li s-sinjal kien ahmar ikkonfermat li rat karozza ghaddejja minn hdejha li baqghet sejra u laqtet lil persuna li kienet qed taqsam. L-istess qal xhud iehor Reuben Spiteri fejn dan ikonferma li d-dawl fuq il-pelican lights kien ahmar ghall-vetturi u li huwa ra persuna tittajjar mill-vettura misjuqa minn Anna Ellul. Min-naha taghha Anna Ellul dejjem qalet li fil-fatt id-dawl kien ahmar pero’ sostniet li ndunat tard wisq bil-lights minhabba x-xemx u minhabba l-fatt li l-lights kienu mghottijin bis-sigar u b’hekk laqtet lil Alex Azzopardi waqt li huwa kien qieghed jaqsam. Huwa principju ben assodat fir-regoli tas-sewqan li sewwieq irid izomm ‘a proper lookout’ ghal dak li jkun qed jigri madwaru fit-triq li jkun qed isuq fiha, huwa m’ghandux biss ikun attent ghal vetturi ohra li qed jipprocedu fit-triq izda anki ghal kwalsiasi haga ohra li tkun fit-triq. L-imputata tat x’tifhem li ghalkemm hija toqghod vicin din it-triq ma kinitx taf li kien hemm il-pelican lights (a fol 93) ghaliex mhux soltu li tghaddi minn hemm. Illi dejjem qalet li ma rathomx ghax kien hemm is-sigar kif ukoll ix-xemx u l-unika prekawzjoni li hadet kien li libset nuccali tax-xemx kif ukoll nizlet is-sunvisor. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tesebixxi l-iskizz sabiex il-Qorti tara ezatt ta’ fejn kienet il-vettura ta’ Ellul il-hin tal-incident. Jidher pero mix-xhieda

mghotija li fil-fatt Alex Azzopardi beda' jaqsam minn dik il-parti tat-triq riservata ghal pedestrians sabiex ikunu jistghu jaqsmu meta jkunu qieghdin juzaw il-pelican lights. Jirrizulta wkoll li d-dawl kien ahmar u li ghalhekk il-vetturi, inkluzi dik tal-imputata kellhom jieqfu sabiex jaqsam il-pedestrian izda l-imputata ma uzatx dik il-proper lookout halli tevita dan l-accident. Jirrizulta li fil-hin li sehh l-incident, ix-xemx kienet diretta f'ghajnejn Anna Ellul meta hija kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' Hal Lija u li dan b'xi mod seta' fixkel il-vizzwali taghha pero l-Qrati taghna dejjem tennew fuq kwistjonijiet bhal dawn li huwa d-dmir tax-xufier ta' dik il-vettura li tkun f'sitwazzjoni li ma tistax tara sewwa minhabba xemx diretta li jzomm aktar kura meta' jkun qieghed isuq f'dawn il-kundizzjonijiet. Ghalhekk Anna Ellul naqset milli zzomm "a proper lookout" f'dan il-kaz, u sehh l-incident bi sfortuna u b'nuqqas ta' hsieb u attenzjoni min-naha taghha. Dan il-punt gie ttrattat diversi drabi mil-Qrati taghna. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fil- kawza fl-ismijiet "Pulizija v. Guzeppi Bilocca", deciza fit-12 ta' Frar, 2009, dik il-Qorti qalet hekk:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"**, [17.6.1961] ).

Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li:-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well."***

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali li kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor sakemm ma jigiex pruvat li kien hemm htija unikament ikkagunata mill-persuna l-ohra (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dana ghaliex il**-"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi ghalhekk, kien jinkombi fuq l-imputata li zzomm "a proper lookout" kif spjegat fis-sentenzi hawn imsemmija. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u passaggjuza. L-unika haga li b'xi mod setghet fixklet lill-imputat kienet ix-xemx diretta pero' hija stess qalet li kienet liebsa nuccali tax-xemx kif ukoll nizlet is-sunvisor halli tnaqqas ix-xemx diretta. Tenut kont li l-imputata toqghod vicin hafna tat-triq fejn sehh l-incident u tenut kont tal-fatt li t-triq in dizamina hija arterja principali tat-traffiku din il-Qorti ssibha daqxejn difficli li temmen li l-imputata li ilha ssuq hamsa u ghoxrin sena ma kinitx taf bl-ezistenza ta' dawn il-pelican lights. Illi f'dawn ic-cirkostanzi sewwieq ghandu juza aktar kawtela mis-soltu jekk kien il-fatt li kien hemm ix-xemx u jekk kien il-kaz li hija triq li mhux is-soltu tghaddi minnha. Anki kieku kien il-kaz li l-pedestrian u cioe' Alex Azzopardi kien aljenat meta qasam fil-mument li huwa kellu d-dritt li jaqsam meta qeleb ahdar ghalih, ma tezonerax fl-ebda mument ir-responsabilita' tax-xufier meta suppost ghandu jieqaf f'cirkostanzi bhal dawk. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-incindet de quo sehh unikament tort tal-imputata li baqghet ghaddejjha minn fuq il-lights meta dawn kienu homor u suppost waqfet. Illi isa irid jigi stabbilit jekk dan is-sewqan kienx wiehed traskurat u/jew inkella perikoluz. Il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef V. Degaetano (6 ta' Mejju 1997) ghamlet distinzzjoni bejn sewqan perikoluz u dak traskurat. Illi din il-Qorti qalet:-

"**Sewqan traskurat** (*negligent driving)* hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti,

kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.[...] **Sewqan perikoluz** *(dangerous driving)* jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-prezenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht it-tnejn jew aktar [...]. Ghal finijiet ta’ piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta’ sewqan traskurat hu kompriz u involut f’dak ta’ sewqan bla kont u f’dak ta’ sewqan perikoluz (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** **Appell Kriminali, 21/5/1996)”**

Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern is-sewqan tal-imputata kien jammonta ghal sewqan perikoluz ghaliex hija naqset milli tara dak li kien in plain view u ma waqfitx fuq il-pelican lights meta dawn kienu homor sabiex b’hekk tajret il-pedestrian li kien qed jaqsam ghall-affari tieghu. Ghandu jinghad ukoll li l-imputata naqset milli tinduna bil-vetturi l-ohra li kienu qed jipprocedi fit-triq bhala li kollha waqfu ghaliex il-lights kienu fuq l-ahmar. Li Anna Ellul kellha timxi b’mod aktar prudenti u tosserva dak li kien hemm aktar ‘il fuq minnha u kellha tnaqqas il-velocita taghha aktar minn normali malli x-xemx bdiet tidhol f’ghajnejha u dan sakemm terga’ tkun f’posizzjoni tara x’qed jigri madwarha u b’hekk tkun tista’ terga’ tipprocedi fit-triq. Hija qalet li kellha l-vizwali ostakolata kemm mix-xemx, l-art li tleqq kif ukoll kif qalet hija stess li kien hemm s-sigar u lanqas rat il-karozzi weqfien fil-karregata l-ohra. Izda hija ghazlet li tkompli ghaddejja fit-triq minghajr ma kienet qed tara sewwa. Dan l-agir da parti tal-imputata fil-fehma tal-Qorti jammonta ghal sewqan perikoluz.

Ikkunsidrat

Illi waqt is-sottomissjonijiet finali id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni in kwantu jirrigwarda it-tielet imputazzjoni. Id-

Difiza accennat li l-ewwel dehra f’dawn il-proceduri ta’ Anna Micallef sehhet fil-25 ta’ Frar 2009. Din il-kawza rat il-bidu taghha quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u komposta fejn l-ewwel dehra kienet fil-15 ta’ Lulju 2008. Min-notamenti li hemm fuq ic-citazzjoni jidher li fil-fatt Anna Ellul kienet prezenti ghal dik is-seduta fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Dicembru 2008 fejn l-imputata ukoll kienet prezenti. Fil-25 ta’ Frar 2009 din il-Qorti kif diversament presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet minhabba li n-natura tal-griehi sofferti minn Alex Azzopardi kienet tali li kienet tesorbita l-kompetenza taghha kif komposta u l-kawza giet imbaghad assenjata lil din l-Qorti kif preseduta. Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-imputata kienet dejjem kienet notifikata u prezenti ghal kull dehra li inzammet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta almenu fl-ewwel dehra tal-kawza u cioe dik tal-15 ta’ Lulju 2008 hekk kif jidher a fol 1 fuq l-akkuza originali. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mid-Dffiza.

Ikkunsidrat

Illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mid-Difiza dwar il-fatt li n-natura tal-griehi sofferti minn Alex Azzopardi kellhom il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali ghaliex huma gravi ghaliex hallew debilita’ permanenti izda huwa deplorevoli li wara li din il-Qorti kif diversament presjeduta astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet minhabba li l-griehi sofferti minn Alex Azzopardi kienu jezorbitaw il-kompetenza taghha u l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta il-Prosekuzzjoni naqset milli titlob korrezzjoni fic-charge sheet fejn l-imputata kienet tigi akkuzata li kkawzat griehi ta’ natura hafifa lil Alex Azzopardi u ghalhekk meta l-akkuzi regghu inqraw mill-gdid quddiem din il-Qorti l-imputata baqghet tigi akkuzata li kkagunat griehi ta’ natura hafifa lil Alex Azzopardi. Illi ghalhekk ghalkemm f’dan il-kaz, l-imputata Anna Ellul kellha twiegeb ghal akkuzi aktar serji, dina l-Qorti ma tistax issib htija fuq xi haga aktar serja meta ma kienx hemm akkuza f’dan ir-rigward. Ghalhekk din l-Qorti tista’ ssib htija biss

fuq l-akkuza anqas serja u cioe’ li l-imputata kkagunat feriti ta’ natura hafifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 u r-Regolament 125 tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL 128/1994) l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha multa ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) u tiskwalifikaha milli zzomm jew totjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett(3) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------